MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 107/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Cauchi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Cauchi (bin Emmanuel u Carmen nee Said, imwieled fil-5 ta' April 1959, detentur tal-karta tal-identita` nru 20659(g)) talli fid-29 ta' April 2007, ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija, fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Ghawdex garr arma tan-nar tal-ghamla Benelli Super Black Eagle u munizzjon, f'vettura numru EBF-173, minghajr licenzja tal-awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Raymond Cauchi hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u

kkundannatu multa ta' seba' mija w hamsin euro (€750) u ordnat il-konfiska tal-arma in kwitjoni (Dok. JA1) u tal-iskratacc (Dok. JA2);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Cauchi, minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu 2009, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza u l-konsegwenti liberazzjoni tieghu minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' April 2009; ikkunsidrat:

Il-fatti fil-qosor huma dawn: fil-gurnata u fil-hin imsemmija fic-citazzjoni, l-appellant kien qed isuq vettura (*pickup truck*) EBF-173 li fuq wara taghha kellha arma (senter tal-kacca) skargata, u li kienet fil-ghata taghha, u munizzjon (skratacc f'cinturin tal-kacca). Huwa kien licenzjat biex igorr din l-arma u munizzjon ghall-kacca. L-appellant jghid li huwa kellu dawk l-oggetti fil-vettura f'hin meta ma setax kien sejjer ghall-kacca (ara r-regolamenti 15 u 19 tal-A.L. 79/2006 – S.L.435.68) ghax ftit tal-hin qabel huwa kien sab li l-vettura li kien biha barra, tat-tip Opel, kellha *puncture*, u allura kien tela' bil-mutur mat-tifel tieghu sad-dar u minn hemm hareg il-*pickup* u mar biha biex isewwi l-*puncture*. Fil-*pickup* kellu l-imsemmija arma u munizzjon lesti biex l-ghada filghodu jmur ghall-kacca bihom, u dak il-hin li hareg il-*pickup* mill-garaxx anqas biss gietu f'mohhu li fil-fatt kellu dawk l-affarijiet – is-senter u l-iskratacc – fuq wara.

L-ewwel aggravju tal-appellant hu, bazikament, li hu ma setax jinstab hati skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 ghax dak il-hin li twaqqaf waqt ir-*road block* li kienu qed jaghmlu membri tal-F.A.M. anqas biss kien konsapevoli li kellu l-arma u l-munizzjon fuq wara. Din il-Qorti, li kellha l-opportunita` li tisma' l-provi kollha fl-udjenza tas-17 ta' April 2009, inkluz lill-istess appellant, hija konvinta mill-genwinita` ta' dan il-kaz, cioe` hija konvinta li l-appellant verament nesa kompletament dwar l-oggetti li kellu fuq wara tal-vettura. Ma jistax jinghad, ghalhekk, li waqt li kien qed isuq il-*pickup* u sal-mument li waqqfuh il-membri tal-F.A.M. l-appellant kien konsapevoli

tal-presenza tal-arma u l-munizzjon fil-vettura. Ma hemmx ghalfejn, ghalhekk, li wiehed jezamina t-tieni aggravju.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------